Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 13 ta' Ottubru 2023**
**(OR. en)**

**13939/23**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0406(COD)**

**POLCOM 227**
**COMER 117**
**CODEC 1799**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-protezzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha mill-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fit-8 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikolu 207(2) TFUE.

2. Fit-3 ta' Ottubru 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[2].

[1] 14943/21 + ADD 1-4.
[2] 13753/23.

3. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub:

– jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 34/23, kif ukoll id-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, kif tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss;

– jiddeċiedi li d-dikjarazzjoni konġunta msemmija hawn fuq li tinsab fl-Addendum 1 u d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li tinsab fl-Addendum 2 għal din in-nota, jiġu ppubblikati fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

4. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum 1 u l-Addendum 2 għal din in-nota.

5. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.